MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 406/1995/1

**Maria u Paul mizzewgin Brincat u b'nota tal-10 ta' Novembru 1995 wara l-mewt ta' Maria Brincat assuma l-atti tal-kawza minflokha Paul Brincat, u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2002 Paul f'ismu u bhala prokuratur ta' l-assenti Saviour, u Maria Concetta mart John Farrugia, Josephine mart Richard Debono, u Carmelo sive Charles, ahwa Brincat, gew awtorizzati jissoktaw il-kawza minflok il-genituri taghhom Maria u Paul Brincat li mietu fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Joseph Seychell**

**Il-Qorti:**

Rat l-avviz ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi permezz tieghu l-atturi talbu ghaliex il-konvenut

m'ghandux jigi kundannat li fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu iffissat jizgombra mill-ghalqa ta' l-attrici maghrufa Taz-Zopp, limiti ta' Hal Luqa, li huwa qieghed jiddetieni minghajr dritt, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Settembru 1994 u l-ittri ufficjali tas-16 ta' Settembru, 1994 u 30 ta' Dicembru, 1994 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni; ghall-fini ta' kompetenza l-valur lokatizju tal-fond huwa seba' liri (Lm7) fis-sena;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
Illi l-ghalqa *de quo* kienet mikrija lil Joseph Cauchi z-ziju tal-eccipjenti li minghandu l-eccipjenti wiret id-dritt tal-inkwilinat in kwantu l-eccipjenti kien l-uniku eredi tieghu;

Illi in effetti l-istess eccipjenti ilu jahdem din l-ghalqa ghal bosta snin u in effetti l-hlas ghal bosta snin sar mill-istess eccipjenti;

Illi konsegwentement l-eccipjenti ghandu dritt jiddetjeni l-ghalqa u dan b'titolu ta' lokazjoni. Illi galadarba dan huwa l-kaz din il-Qorti ma tkunx aktar kompetenti li tindaga ulterjorment u l-kwistjoni ghalhekk tesorbita ruhha mill-kompetenza taghha;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza tas-sittax (16) ta' April, 2002 illi permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet hekk:
"… tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju; b'kull parti tbati l-ispejjes taghha";

u dana wara illi kkonsidrat hekk:
"Illi, l-attur, meta xehed (fol 24 *ibid*) qal li l-ghalqa, in kwistjoni kienet mikrija lil Joseph Cauchi, li kien di già mejjet meta l-istess attur ta x-xhieda tieghu fil-5 ta' Dicembru 1995. Wara l-mewt ta' dan, kien gie, sabiex ihallas l-qbiela relattivament ghall-istess ghalqa l-konvenut odjern. Però dan kien gie informat 'li l-art irriduha lura' (ara l-anness 'dok PB1' a fol 13 tal-atti).

"Sussegwentement kienu saru ukoll, u gew presentati zewg ittri ufficjali, fil-konfront tal-istess konvenut (ara fol 3 u fol 4 *ibid*).

"Fl-istess xhieda, l-attur sostna 'L-ircevuti tal-kera kienu dejjem saru fuq Joseph Cauchi' u 'Ahna qatt ma krejnielu lill-konvenut' waqt li ikkonferma li kien gie informat mill-konvenut permezz ta' zewg ittri (ara fol 21 u 22 tal-istess atti) mibghuta minn u f'isem il-konvenut rispettivament illi effettivament, il-konvenut kien il-werriet ta' Joseph Cauchi ('… dak x'qal hu').

"Ikkunsidrat

Illi l-konvenut da parti tieghu, xehed taht gurament (fol 28 *ibid*) illi l-imsemmi inkwilin ossija gabillot, Joseph Cauchi, mejjet kien iz-ziju matern tieghu. Hu ulterjorment sostna li wara li kien ghamel xi zmien jghin lil zijuh jahdem l-istess art, beda jahdimha hu f'isem l-istess zijuh meta dan kien iddahhal fl-isptar fejn giet amputata siequ, u sakemm dan miet.

"Illi, inoltre, l-istess konvenut esebixxa diversi dokumenti (fol 14 *et seq* u fol 37 *ibid*) konsistenti kif ser jinghad:-

a) kopja tal-atti tal-mewt (497/1994) tal-istess Joseph Cauchi (ara ukoll fol 48 *ibid*).

b) L'hekk imsejjha certi[fi]kat tat-testmenti *vis-à-vis* l-istess *decuius*. Hawnhekk jinghad li dak esebit in atti a fol 16 irrisulta li kien erroneu u b'hekk, wara digriet *ad hoc* moghti mill-Qorti, kif diversament presjeduta, (fol 33 u 34 *ibid*) gie esebit ic-certifikat tat-testment publiku korrett (ara fol 37 *ibid*).

c) Kopja tat-testment tal-istess Joseph Cauchi, in atti Nutar Joseph Cachia u datat il-15 ta' Novembru 1976, minn fejn jidher li l-istess *decuius* kien innomina bhala eredi universali tieghu lil Joseph Seychell, il-konvenut odjern.

“Ikkunsidrat

“Illi, sintetizzati l-provi in esami, il-Qorti rat l-artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta specifikatament dak li jinghad in konnessjoni mal-kelma ‘kerrej’. Hawnhekk din il-ligi specjali li titratta fost affarijiet ohra, meta u minn min kirja rurali tintiret *ope legis*, tispecifika li l-kelma kerrej tinkludi wiehed ‘li kien qed jahdem ir-raba’ mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej’.

“Ikkunsidrat

“Illi, ghalhekk, mill-premess, jidher li *prima facie* jissusisti titolu ta’ lokazzjoni *ope legis* u *ope successionis* favur il-konvenut skond il-ligi specjali hawn fuq imsemmija, skond liema ligi jidher li din il-Qorti ma hiex kompetenti (ara l-artikolu 5 tal-Kapitolu 199 citat u li jirreferi ghall-Bord kompetenti).

“Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi akkolta.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-atturi illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza appellata tas-16 ta’ April 2002 u illi tigi milqugha t-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut illi permezz taghha - fi kliem l-istess risposta - issottometta:
“1) Preliminarjament in-nullità u l-irritwalità tal-appell interpost billi l-okkju tieghu ma jirriflettix dak tas-sentenza. Il-parti sokkombenti ma tistax *marte proprio* tibdel l-okkju tas-sentenza jekk mhux bl-intervent tal-Qorti.

2) Dippjù l-eredi ta’ Paul Brincat ma setghux jassumu l-atti flok id-decedent missierhom izda l-legittimazzjoni tal-atti kellha ssir skond kif tippreskrivi l-ligi. L-eredi li jridu jkomplu l-kawza jew il-proceduri ghandhom jitolbu b’rikors it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna taghhom.

3) Fil-meritu s-sentenza hija gusta u timmerita pjena konferma”;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel ma jigu identifikati u trattati l-aggravji ta’ l-appellanti kontra s-sentenza appellata, huwa mehtieg illi jigu konsidrati l-ewwel zewg sottomissjonijiet hawn fuq imsemmija, maghmula fir-risposta ta’ l-appell ta’ l-intimat;

L-ewwel sottomissjoni hija fis-sens illi r-rikors ta’ appell huwa irritu u null ghaliex l-*occhio* tieghu ma jirriflettix dak tas-sentenza. Ghal dik illi hija kwistjoni ta’ fatt, l-appellat ghandu ragun ghaliex, filwaqt illi mill-*occhio* tas-sentenza appellata jirrizulta ill r-rikorrenti kienu *Maria u Paul mizzewgin Brincat u b’nota tal-10 ta’ Novembru 1995 wara l-mewt ta’ Maria Brincat assuma l-atti tal-kawza minflokha Paul Brincat*, fl-*occhio* tar-rikors ta’ appell wara l-kliem *minflokha Paul Brincat* zdiedu xi kliem. Din iz-zieda kienet mehtiega peress illi, kif jirrizulta mir-rikors illi jinsab a fol. 66 tal-process, waqt illi l-kawza kienet differita quddiem l-ewwel Qorti pendenti l-pronunzjament tas-sentenza appellata, miet l-imsemmi rikorrent Paul Brincat u, konsegwentement, meta gie intavolat ir-rikors ta’ appell, kien hemm in-necessità illi ssir id-debita legittimazzjoni ta’ l-atti. Dina l-Qorti ma tirriskontra ebda nullità fiz-zieda tal-kliem illi hemm riferenza ghalihom aktar ’l fuq f’dan il-paragrafu peress illi dawn il-kliem ma huma xejn hlief riflessjoni ta’ kif kellu jkun l-*occhio* tal-kawza in segwitu ghall-imsemmija legittimazzjoni ta’ l-atti, liema legittimazzjoni giet <u>awtorizzata</u> minn dina l-Qorti permezz ta’ digriet datat sbatax (17) ta’ Mejju, 2002 illi permezz tieghu giet milqugha t-talba maghmulha bl-imsemmi rikors a fol. 66. Minn dan isegwi illi l-kliem in kwistjoni ma zdidux mir-rikorrenti *marte proprio*, kif qed jissottometti l-appellat, izda bl-awtorizzazzjoni ta’ dina l-Qorti. Tajjeb illi jinghad, *inoltre*, illi anke kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, lil dina l-Qorti rrizultalha xi zball fil-mod kif gew

indikati l-kontendenti fl-*occhio* fir-rikors ta' appell, tali zball seta' jigu korrett *ex ufficio* minn dina l-Qorti *ai termini* ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 175(2) tal-Kap. 12;

Ghalhekk is-sottomissjoni in ezami ta' l-appellat qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Permezz tat-tieni (2) sottomissjoni tieghu l-appellat qed isostni hekk:
"… l-eredi ta' Paul Brincat ma setghux jassumu l-atti flok id-decedent missierhom izda l-legittimazzjoni tal-atti kellha ssir skond kif tippreskrivi l-ligi.  L-eredi li jridu jkomplu l-kawza jew il-proceduri ghandhom jitolbu b'rikors it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna taghhom" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

M'hemmx dubbju illi l-procedura illi qed jaghmel riferenza ghaliha l-appellat fl-ahhar sentenza tal-bran appena citat mir-risposta ta' appell hija dik kontemplata mill-artikolu 806 tal-Kap. 12 illi jistipula hekk:
"Il-werriet jew l-esekutur ta' wahda mill-partijiet, li tmut matul il-kawza, jew kull wiehed iehor li jkollu interess, jista' jitlob b'rikors li l-atti tal-kawza jghaddu fil-persuna tieghu, sabiex jissokta l-kawza minflok il-parti mejta" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Anqas ma hemm dubbju illi l-legittimazzjoni ta' l-atti mehtiega wara l-mewt tar-rikorrent Paul Brincat saret *ai termini* tac-citat artikolu 806 tal-Kap. 12.  Infatti, din il-legittimazzjoni saret bis-sahha ta' l-imsemmi digriet ta' dina l-Qorti tas-17 ta' Mejju, 2002 illi - kif già inghad - permezz tieghu giet milqugha t-talba maghmula bir-rikors a fol. 66, liema talba hija fit-termini segwenti:
"Ghalhekk l-esponenti bir-rispett jitolbu li jissoktaw il-kawza bhala atturi minflok il-genituri li mietu fil-mori tal-kawza …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghall-kompletezza, tajjeb illi jigi rilevat illi huwa possibbli illi meta l-appellat ghamel is-sottomissjoni in ezami huwa gie zvijat mill-ahhar kliem fl-*occhio* tar-rikors ta' appell fejn

huma ndikati l-appellanti, jigifieri "assumew l-atti tal-kawza". Però, kif ghadu kemm inghad, fil-kaz in ezami ma saritx assunzjoni ta' l-atti izda saret legittimazzjoni ta' l-atti skond il-ligi;

Ghaldaqstant, anke t-tieni (2) sottomissjoni ta' l-appellat qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi, wara ezami akkurat tar-rikors ta' appell, dina l-Qorti tiddeduci illi l-aggravju ta' l-appellanti kontra s-sentenza appellata huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet zbaljati illi mal-mewt ta' Joseph Cauchi, il-kerrej ta' l-ghalqa in kwistjoni, il-kirja wiritha l-intimat u illi, ghalhekk, tezisti kirja ta' l-istess ghalqa, fatt illi jirrendi lil dik il-Qorti nkompetenti illi tiehu konjizjoni tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel ma jigi konsidrat l-imsemmi aggravju ta' l-appellanti, huwa utili illi jigi konstatat illi mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

(i) illi immedjatament qabel miet l-imsemmi Joseph Cauchi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, 1994 (Dok. A, fol. 15) huwa kien jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni b'titolu ta' rilokazzjoni *ai termini* ta' l-Att Dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) illi l-imsemmi Joseph Cauchi kien mizzewweg però martu - Rosalia Cauchi née Vella - mietet qablu (Dok. A, fol. 15);

(iii) illi l-wirt ta' l-imsemmi Joseph Cauchi huwa regolat bit-testment tieghu tat-tmintax (18) ta' Novembru, 1976 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia (Dok. D, fol. 18 sa 20);

(iv) illi permezz tat-tieni (2) artikolu ta' l-imsemmi testment Joseph Cauchi istitwixxa lill-konvenut Joseph

Seychell bhala uniku “eredi universali proprietarju u padrun assolut ta’ gidu kollu”;

(v) illi l-konvenut huwa t-tifel ta’ oht l-imsemmi Joseph Cauchi;

Illi, kwantu ghall-aggravju ta’ l-appellanti, mill-fatti illi ghadhom kemm gew elenkati - senjatament il-(i), il-(iv) u l-(v) - jirrizulta illi mal-mewt ta’ l-imsemmi Joseph Cauchi, kuntrarjament ghal kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, il-konvenut ma sarx il-kerrej ta’ l-ghalqa in kwistjoni. F’dan ir-rigward huwa utili illi tigi hawn riprodotta dik il-parti tad-definizzjoni tal-kelma “kerrej” fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 illi hija rilevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna:
“‘kerrej’ tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja u, <u>wara l-mewt tal-kerrej</u>, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f’ordni ta’ preferenza <u>kull membru tal-familja</u> li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba’ mieghu jew ghalih jew <u>ikun il-werriet tal-kerrej</u>; …” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Tajjeb illi jinghad mill-ewwel illi l-konvenut ma jistghax jitqies bhala “cessjonarju” tal-kirja in kwistjoni ghaliex:
(a) kif ser jigi spjegat aktar ’l isfel, il-konvenut mhux “membru tal-familja” ta’ l imsemmi Joseph Cauchi;

a(b) l-istess konvenut mhux qed jippretendi illi huwa “cessjonarju tal-kirja”; tant huwa hekk illi fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu l-konvenut issottometta illi “minghandu [minghand Joseph Cauchi] l-eccipjenti <u>wiret</u> id-dritt tal-inkwilinat <u>in kwantu</u> l-eccipjenti kien <u>l-uniku eredi tieghu</u>” (sottolinear ta’ dina l-Qorti). Inoltre, waqt illi l-konvenut kien qed jixhed quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tal-hamsa (5) ta’ Dicembru, 1995, fost affarijiet ohra, qal hekk (fol. 26):
“… Kont nahdem l-art in kwistjoni <u>ghan-nom</u> taz-ziju u dan <u>sakemm miet</u>” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Dan qed jinghad biex juri ukoll kemm huwa infondat dak illi jissottometti l-konvenut fit-tieni (2) paragrafu tan-nota

ta’ eccezzjonijiet tieghu (fol. 5), bl-iskop illi jipprova illi ghandu favur tieghu titolu ta’ lokazzjoni ta’ l-ghalqa in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Il-fatt illi l-konvenut huwa “il-werriet tal-kerrej” ma jirrendihx “kerrej” tal-kirja in kwistjoni; dana ghaliex, minn qari korrett tad-definizzjoni ta’ “kerrej” fis-silta hawn fuq citata mill-artikolu 2 tal-Kap. 199, jirrizulta illi sabiex “il-werriet tal-kerrej” jigi konsidrat bhala “kerrej” wara l-mewt tal-kerrej huwa - “il-werriet tal-kerrej” - irid ikun, qabel xejn, “membru tal-familja” tal-mejjet kerrej. Issa l-konvenut illi, kif già inghad, huwa t-tifel ta’ oht l-imsemmi Joseph Cauchi, ma jidholx fid-definizzjoni ta’ “membru tal-familja”, ukoll kontenuta fl-artikolu 2 tal-Kap. 199, illi taqra hekk:
“‘membru tal-familja’ tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Illi minn dak illi inghad sa issa jirrizulta illi l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-konvenut, mal-mewt ta’ l-imsemmi Joseph Cauchi, sar *ope legis* u *ope successionis* “kerrej” ta’ l-ghalqa in kwistjoni hija legalment zbaljata ghaliex ma haditx in konsiderazzjoni illi, skond l-artikolu 2 tal-Kap. 199, il-“werriet tal-kerrej” irid necessarjament ikun “membru tal-familja” tal-mejjet kerrej;

Ikkunsidrat:

Illi hija konvinta illi fil-mument tal-mewt ta’ l-imsemmi Joseph Cauchi ma kien hemm superstiti ebda “membru tal-familja” tieghu u, ghalhekk, ebda “kerrej”, *ai termini* tac-citati definizzjonijiet relativi kontenuti fl-artikolu 2 tal-Kap. 199. Konsegwentement, kif gie tajjeb ritenut fis-sentenza - citata mill-appellanti fir-rikors ta’ appell - ta’ dina l-Qorti diversament komposta tad-dsatax (19) ta’ Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Farrugia et vs Carmela Camilleri et* (Vol. LXXXI, II, 1052 *et seq*.), mal-mewt ta’ l-imsemmi Joseph Cauchi, il-kirja in kwistjoni intemmet. Kif jista’ wiehed jitkellem dwar kirja meta jirrizulta illi ma hemm

ebda kerrej? F'dan ir-rigward, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija ma tikkonsidrax bhala rilevanti ghall-kaz odjern dak illi ssottometta l-appellant fil-paragrafi enumerati minn erbgha (4) sa sitta (6) tar-risposta ta' appell tieghu peress illi, anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi konsidrat illi mal-mewt ta' l-imsemmi Joseph Cauchi kien hemm terminu ta' rilokazzjoni *in corso*, dan it-terminu - *dato* illi l-istess Joseph Cauchi miet fit-22 ta' Jannar, 1994 u illi l-qbiela jithallas kull sena fil-hmistax (15) ta' Awissu (ara depozizzjoni tal-konvenut, fol. 26) - skada fil-hmistax (15) ta' Awissu, 1994. Il-kawza odjerna giet intavolata wara din l-ahhar imsemmija data, precizament fil-hamsa u ghoxrn (25) ta' April, 1995;

Ikkunsidrat;

Illi minn dak kollu illi inghad sa issa jirrizulta illi l-aggravju ta' l-appellanti huwa validu, illi s-sentenza appellata ghandha tigi revokata, illi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellat ghandhom jigu respinti u illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn l-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell ta' l-atturi billi tirrevoka s-sentenza appellata, billi tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz b'dan illi ghall-fini ta' l-izgumbrament tipprefiggi t-terminu ta' tliet (3) xhur mil-lum;

Tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza, kemm dawk ta' l-ewwel istanza u kemm dawk ta' din l-istanza, jigu sopportati mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------